**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Joseph Muscat fil-kwalita' tieghu ta' General Manager ta' Gozo Hotels Co. Ltd., Calypso Hotel, Marsalforn Ghawdex li joqghod 48, Triq Bingemma, Nadur, Ghawdex.**
**Karta ta' Identita' numru 35059(G)**

Illum 28 ta' Novembru 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fil-kwalita' tieghu ta' General Manager ta' Gozo Hotels Co. Ltd., Calypso Hotel, Marsalforn, Ghawdex, fit-22 ta' Ottubru 2000 u qabel din id-data, hu naqas li jhallas lill-ex impjegat tieghu Ismael Sultana, differenza fil-pagi fl-ammont ta' Lm276.89, bonus fl-ammont ta' Lm109.27 u allowance tal-gimgha fl-ammont ta' Lm98.00, (2) naqas ukoll li jaghti lill-istess Ismael Sultana l-vakanzi kollha bil-hlas dovuti lilu billi baqghalu jinghata 37 jum 'leave' u naqas li jikkumpensah fl-ammont ta' Lm399.60.

Il-Qorti hija mitluba bir-rispett li tordna lill-akkuzat li jhallas lil Ismael Sultana s-somma ta Lm883.76 kif spjegat aktar 'il fuq.

Semghet l-provi;

Ikkunsidrat illi l-kwerelant xehed illi huwa hadem bhala barman u waiter ghal madwar sena u nofs mal-Calypso Hotel bir-rata ta' Lm1.35 fis-siegha. Huwa kien jaghmel dan ix-xoghol fuq bazi part-time izda dejjem hadem sighat zejda. Hekk per ezempju, skond il-kwerelant f'Awissu ta' l-1999 hadem mitt siegha u wahda (101), f'Ottubru mija u ghaxar sighat (110) u f'Novembru mija u tmenin siegha (180). Finalment inqala' xi dizgwid bejn il-kwerelant u l-principal tieghu u l-kwerelant qabad u telaq minghajr ma ta avviz ta' term ta' mpjieg.

L-imputat stqarr illi huwa jahdem bhala Manager tal-Hotel Calypso izda ma jirraprezentax lil Gozo Hotels Ltd. Fil-lukanda partikolari izda huwa l-Manager. Dwar dan il-punt, l-artikolu 42 tal-Kap 135 huwa car u l-kariga ta' l-imputat tirrendih suggett ta' procedura kriminali.

L-imputat ma nnega xejn minn dak li allega l-kwerelant. Is-sitwazzjoni li fiha kien jahdem il-kwerelant kienet ta' wahda "part time" meta fil-verita` kien qed jithaddem full time. Stante li dan mhux permess mill-Ligi li tirregola l-impieg "part time" bi hlas "overtime" ssib lill-imputat hati;

Rat l-artikoli 10, 23, 29 u 41 tal-Kap 135 ta' l-Avviz Legali 112/88 para 3, Avviz Legali 43/1990 u 61/1996;

Tikkundannah ghal-hlas ta' multa ta' ghoxrin lira Maltin (Lm20) u tobbligah jhallas lil Ismael Sultana is-somma ta' tmien mija u tlieta u tmenin lira Maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm883.76c) fi zmien hmistax mil-lum.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur